



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' April 2024
(OR. en)

7945/24

LIMITE

CORLX 288
CFSP/PESC 408
RELEX 350
COHOM 66
MAMA 73

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi
kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, fid-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, (ir-“Rappreżentant Għoli”) fisem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem minn kulħadd hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.
- (3) Fid-dikjarazzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli enfasizza t-tħassib tal-Unjoni dwar iż-żieda fil-vjolenza kontra l-Palestinjani minn abitanti ta' insedjamenti estremisti fix-Xatt tal-Punent okkupat, li laħaq livelli mingħajr preċedent. L-Unjoni kompliet ittenni l-kundanna qawwija tagħha tal-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti u appellat għar-responsabbiltà. L-Unjoni appellat ukoll lil Iżrael biex jipprevjeni l-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti u biex jiżgura li l-awturi tar-reati jinżammu responsabbli. Mill-attakki terroristiċi tal-Hamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti żdiedet drastikament.

(4) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li erba' persuni u żewġ entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/1998 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi taħt l-intestatura A. "Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"106	Neria BEN PAZI magħruf ukoll bħala Naria BEN FAŻI		Data tat-twelid: 28.11.1993 Nazjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-ID: 311509004	Neria Ben Pazi stabbilixxa erbgħa mill-aktar ċentri mbiegħda vjolenti fix-Xatt tal-Punent fl-2019. Huwa wieħed mill-awturi ewlenin tal-ispostament furzat tal- komunità Bedwina ta' Wadi Seeq viċin Ramallah. Neria Ben Pazi ilu akkużat mill-2021 li attakka ripetutament il- Palestinjani f'Wadi Seeq u f'Deir Jarir u l-azzjonijiet tiegħu għew imqabbla mat-tortura.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- elenkar
				Fit-12 ta' Ottubru 2023, huwa pparteċipa f'attakk vjolenti f'Wadi Seeq, fejn Palestinjani ġew imsawta b'mod sever, manettati u fotografati bil-ħwejjeġ ta' taħt. L-abitanti tal-insedjamenti għaddew l-urina fuqhom u tfew is-sigaretti fuqhom. Għalhekk, huwa responsabbli għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-Palestinjani, inkluż it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, li huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
107	Yinon LEVI		Data tat-twelid: 12.12.1992 Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Numru tal-ID: 203807276	Yinon Levi ħa sehem f'diversi atti vjolenti kontra villaġġi ġirien mir-residenza tiegħu fl-insedjament illegali tal-isfruttament agrikolu ta' Mitarim. Dan jinkludi b'mod partikolari li kien jidħol għal għarrieda u jagħmel il-ħsara fi djar tal-familji Palestinjani, inkluż fil-preżenza tan-nisa u t-tfal, kif ukoll li kien jitlaq il-klieb fuq rġajja Palestinjani biex jattakkawhom fiżikament filwaqt li jħalli l-merħla tiegħu tirgħa fuq l-artijiet privati tagħhom. Għalhekk, huwa responsabbli għal ksur u abbużi serji u mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem immirati lejn id-dritt għall-integrità fiżika u mentali, id-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja tal-Palestinjani, li huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
108.	Meir Mordechai ETTINGER	מאיר אטינגר (Ortografija bil- Lhudi)	Pożizzjoni(jiet): membru ta' Hilltop Youth Data tat-twelid: 4.10.1991 Post tat-twelid: Kiryat Moshe, Jerusalem, Israel Nazżjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Entità assoċjata: Hilltop Youth	Meir Ettinger huwa meqjus bħala figura ewlenija ta' Hilltop Youth, grupp radikali taż-żgħażaġh li jikkonsisti minn membri magħrufa għal atti vjolenti kontra l-Palestinjani u l-villaġġi tagħhom fix-Xatt tal-Punent. Hilltop Youth jinsab fuq l-għoljiet fix-Xatt tal-Punent u jinvolvi ruħu fi vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti permezz tal-hekk imsejħa "price tag attacks". Il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti, inkluż il-fastidju fiżiku u psikosoċjali, is-swat, il-qtil u t-twaqqigħ tal-proprietà, kontra l-Palestinjani hija ta' natura sistematika. Meir Ettinger jinkoraġġixxi u jinċita attakki u jipparteċipa f'intimidazzjoni biex iġiegħel lill-Palestinjani jitolqu minn arthom. Huwa kkontribwixxa għall-istabbiliment ta' insedjamenti u ċentri illegali fuq artijiet Palestinjani fix-Xatt tal-Punent, billi uża u skuża tattiki ta' intimidazzjoni, fastidju u vjolenza..	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- elenkar
				Meta kien diġà meqjus bħala parti minn Hilltop Youth, fl-2015 huwa kien involut f'attakk ta' ħruq doluż fatali fuq dar tax-Xatt tal-Punent Palestinjan li qatel żewġ ġenituri u binhom ta' 18-il xahar. Għalhekk, Meir Ettinger huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif ukoll ksur jew abbużi tad-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja tal-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent u għall-appoġġ u l-inkoraġġiment ta' tali atti. Dawk l-abbużi u l-ksur huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
109.	Elisha YERED	אלישע ירד (Ortografija bil- Lhudi)	Pożizzjoni(jiet): membru ta' Hilltop Youth Data tat-twelid: 2001 Nazzjonalità: Iżraeljana Sess: raġel Entità assoċjata: Hilltop Youth	Elisha Yered huwa attivista Iżraeljan tal-abitanti tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent u magħruf bħala affiljat ma' Hilltop Youth, grupp radikali taż-żgħażaġh li jinvolve ruħu f'atti vjolenti kontra l-Palestinjani u l-villaġġi tagħhom fix-Xatt tal-Punent. Hilltop Youth jinvolve ruħu f'vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti permezz tal-hekk imsejħa "price tag attacks". Din il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti, inkluż il-fastidju fiżiku u psikosoċjali, is-swat, il-qtil u t-twaqqigħ tal-proprietà, kontra l-Palestinjani hija ta' natura sistematika. Elisha Yered jinkoraġġixxi atti bħal dawn u jipparteċipa fihom. Huwa jinċita regolarment il-vjolenza kontra l-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent inkluż billi jqassam messaġġi biex, pereżempju, "jiġi eliminat" villaġġ Palestinjan. Huwa personalment ta' fastidju lil familja Palestinjana, bl-użu ta' lingwaġġ intimidanti u ta' theddid biex jimpedixxi l-libertà ta' moviment tagħhom fuq l-art tagħhom stess u huwa involut fil-qerda tal-proprietà tal-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- eLENkar
				Elisha Yered kien parti minn grupp ta' abitanti ta' insedjamenti armati li fl-4 ta' Awwissu 2023 imxew 'il quddiem mid-direzzjoni ta' ċentru illegali ta' Oz Zion għall-villaġġ Palestinjan ta' Burqa viċin Ramallah. L-abitanti ta' insedjamenti sparaw balal lejn il-Palestinjani, li wasslu għall-mewt ta' Palestinjan ta' 19-il sena, Qusai Jammal Mi'tan u darbu għadd ta' Palestinjani oħra. Għalhekk, Elisha Yered huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif ukoll ksur jew abbużi tad-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja tal-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent u għall-appoġġ u l-inkoraġġiment ta' tali atti, u huwa responsabbli għall-promozzjoni ta' mibegħda nazzjonali, razzjali jew reliġjuża li tikkostitwixxi inċitament għad-diskriminazzjoni, l-ostilità jew il-vjolenza. Dak il-ksur jew l-abbużi huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi taħt l-intestatura B. "Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"27.	Lehava magħruf ukoll bħala Prevention of Assimilation in the Holy Land	ה"להב (Ortografija bil- Lhudi)	Telefown: 079-9130000 E-mail: o.leava@gmail.com Sit web: www.lehava-us.com; vod.leava.co.il	Lehava huwa grupp supremist Lhudi radikali tal-lemin immexxi mill-fundatur tiegħu Ben-Zion "Bentzi" Gopstein. Lehava juża l-vjolenza u jinċita l-vjolenza kontra l-Palestinjani, l-Insara u l-Lhud Messianiċi, pereżempju,. membri ta' Lehava kantaw b'mod ripetut il-"mewt għall-Għarab" u appellaw biex jiġbru l-armi waqt il-manifestazzjonijiet. Lehava jorganizza protesti vjolenti kontra t-tiġijiet bejn il-Lhud u l-Musulmani u l-komunità LGBTQI. Il-membri ta' Lehava jagħtu fastidju u jattakkaw koppji mħallta ta' Għarab u Lhud. Għalhekk, Lehava huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-promozzjoni sistematika ta' mibegħda nazzjonali, razzjali jew reliġjuża li tikkostitwixxi inċitament għal diskriminazzjoni, ostilità jew vjolenza li huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
28.	Hilltop Youth magħruf ukoll bħala No'ar HaGva'ot	נוער הגבעות (Ortografija bil- Lhudi)	Individwi assoċjati: Meir Mordechai ETTINGER; Elisha YERED	Hilltop Youth huwa grupp radikali taż-żgħażaġh li jikkonsisti minn membri magħrufa għal atti vjolenti kontra l-Palestinjani u l-villaġġi tagħhom fix-Xatt tal-Punent. Il-grupp jinsab fuq l-għoljiet fix-Xatt tal-Punent u jinvolvi ruħu fi vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti permezz tal-hekk imsejħa "price tag attacks". Din il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti, inkluż il-fastidju fiżiku u psikosoċjali, is-swat, il-qtil u t-twaqqiġ tal-proprjetà, kontra l-Palestinjani u l-villaġġi tagħhom hija ta' natura sistematika. Għalhekk, Hilltop Youth huwa responsabbli għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fosthom it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif ukoll ksur jew abbużi serji tad-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-ħajja tal-familja u dik privata tal-Palestinjani fix-Xatt tal-Punent, li huma wkoll ta' tħassib serju fir-rigward tal-oġġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.